**20 ta' April, 1963.**

**Imħallef:**

**Onor. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Onor. Dr. Anton Buttigieg, B.A., LL.D., M.L.A.

*versus*

Anthony Montanaro

**Kwerela — Penali — Nullità — Irritwalità — Terminu**

*Meta kwerelat ikun ġie kundannat mill-Qorti sabiex jippublika s-sentneza fiż-żmien lilu mogħti fl-istess sentenza, il-kwere-*

*lat għandu dritt jagixxi għad-danni kemm permezz ta' ċitazzjoni ċivili kemm permezz ta' ċitazzjoni kriminali.*

Il-Qorti, rat iċ-ċitazzjoni fuq kwerela tal-Onor. Dr. Anton Buttigieg maħruġa kontra l-imsemmi Anthony Montanaro li biha hu ġie kwerelat illi l-Belt Valletta, u bnadijiet oħra, fix-xahar ta' Novembru 1962, naqas li jippubblika s-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta fit-tlettax (13) ta' Novembru 1962 fil-kawża "Onor. Dr. Anton Buttigieg vs. Anthony Montanaro", jew sunt komprensiv tagħha fiż-żmien lilu mogħti fl-istess sentenza, u għalhekk biex jiġi kundannat li jħallas lil kwerelanti penali ta' mhux iżjed minn ħamsin (50) lira;

Rat in-nota tal-kwerelat, li fiha qal (1) li ċ-ċitazzjoni hi irrita peress li istanza bħal dik odjerna kellha tiġi eserċitata b'ċitazzjoni f'forma ċivili, u (2) fil-meritu, it-terminu mogħti fis-sentenza tat-tlettax (13) ta' Novembru 1963 għall-pubblikazzjoni tas-sentenza kien ġie sospiż pendenti l-appell, però, fil-kors ta' dan it-terminu, saru żewġ pubblikazzjonijiet ta' l-istess sentenza;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-tmienja (8) ta' Frar 1963, li biha ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tal-irritwalità taċ-ċitazzjoni u l-kwerelat ġie misjub ħati skond l-imputazzjoni, u ġie kundannat iħallas lill-kwerelant penali ta' ħmistax (15) il-lira u l-ispejjeż ta' din il-kawża;

Rat ir-rikors, li bih il-kwerelat appella minn dik is-sentenza, u talab li tiġi revokata u annullata, prevju anki l-akkoljiment tal-preġudizzjali dwar l-irritwalità taċ-ċitazzjoni, u li b'hekk l-appellant jiġi liberat mill-imputazzjoni u mill-ħlas tal-penali, bl-ispejjeż tal-kawża kontra l-kwerelant;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Qabel xejn, għandu jiġi rilevat **per modum regulae**, illi, peress li l-kwerelat hu fl-istess pożizzjoni ta'**akkużat, għalhekk** il-Qorti ma tistax, skond **is-sistema** legali Malti, **tordnalu li jagħmel provi** (salvi dispożizzjonijiet oħra tal-liġi) u għalhekk ma jidhirx li kien regolari l-ordni tal-ewwel Qorti li hemm verbalizzat fol. 11. — Fil-fatt, trattandosi ta' kopja ta' sentenza, ma kienx hemm preġudizzju, imma l-prinċipju għandu jibqa' immutat;

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti kif kostitwita kellha diġà okkażjoni tgħid fissentenza tagħha Onor. Debrincat vs. Onor. Dr. Caruana 12 Frar 1958 illi ż-żewġ forom ta' ċitazzjoni, dik ċivili, u dik kriminali, **huma ammissibili**, għalkemm kienet talvolta aktar desiderabili l-forma ċivili. Għalhekk l-eċċezzjoni tal-irritwalità ma hijiex fondata;

Ikkunsidrat:

Kwantu għall-kwistjoni tad-dies a quo għall-finijiet taddekorrenza tat-terminu mogħti għall-pubblikazzjoni tas-sentenza, din il-Qorti tirrileva li l-ewwel Qorti ddeċidiet, fil-kors tal-parti razzjonali tas-sentenza tagħha, illi t-terminu għallpublikazzjoni tas-sentenza għandu jiġi komputat mill-ġurnata li fiha s-sentenza li ordnat il-pubblikazzjoni, bin-nuqqas talpreżentata tar-rikors tal-appell, għaddiet in giudicato. Fuq appell tal-kwerelat, din il-Qorti (hi x'inhi l-fehma tagħha in proposito) ma tistax tidħol aktar f'dik il-kwistjoni, għaliex il-pożizzjoni tal-akkużat ma tistax tiġi peġġorata **fuq appell tiegħu**;

Ikkunsidrat:

Il-pubblikazzjoni tal-erbatax (14) ta' Novembru 1962 — Dok. A fol. 14 — ma hijiex ċertament la pubblikazzjoni tas-sentenza u lanqas ta' sunt komprensiv tagħha, kif sewwa rritenit il-Qorti tal-ewwel istanza.

Kwantu għall-pubblikazzjoni tad-dsatax (19) ta' Novembru 1962 — Dok. B fol. 15 — jixraq li jsiru dawn l-osservazzjonijiet. Din il-Qorti ma *tissottoskrivix* dak li, fil-kors tal-motivazzjoni, qalet l-ewwel Qorti illi ma tistax tiġi eskluża għal kollox il-possibilità, *fl-adempiment* tal-ordni tal-Qorti, ta' ċertu artifizzju editorjali innokwu, li l-Qrati jkunu imħajra jħallu għaddej. Din il-Qorti, bir-rispett kollu għall-ewwel ġudikant, tgħid anzi li l-amministrazzjoni tal-ġustizzja *tippostula* l-osservanza tal-ordnijiet tal-Qrati **ad unguem**, u li, f'materja simili, topera indiskutibilment il-massima "malitiis non est indulgendum", — dak li, fit-terminoloġija legali ingliża, jiġi espress bil-kliem illi **the party must come in Court with clean hands** u għalhekk kwalunkwe artifizzju jew stratagemma ta' *evażjoni, anki parzjali, għandu jiġi diskonoxxut* u repress;

Issa l-ordni *tal-pubblikazzjoni* kien jolqot **lill-kwerelat bħala editur tal-"Berqa"**. *Biżżejjed* jingħad dan biex jiġi pjenament lumeggat li l-pubblikazzjoni fol. 15 ma kienitx tissodisfa għall-ordni tal-Qorti. L-artikolu *inkriminat*, u li relativament għalih kien ġie mogħti l-ordni tal-pubblikazzjoni, ma kienx pubblikat taħt xi isem jew xi **nom de plume**, jew taħt xi kwalità ta' xi persuna oħra, u għalhekk il-pubblikazzjoni riparativa tal-inġurja kellha ssir bl-istess mod, u mhux kif saret "Mir-Reporter tagħna".

Apparti ċ-ċirkostanza tal-ommissjoni ta' xi dikjarazzjoni li l-Appell ġie abbandonat, li din il-Qorti ma tikkunsidrax li għandi **in linea di massima** *tiġi ritenuta neċessarja*, però l-mod tal-pubblikazzjoni fol. 15 bil-kliem "Ma ġiex stabbilit kif għandna tkun l-arma ta' San Gejtanu — Bis-Salib jew min-

għajr Salib", u bir-riproduzzjoni tal-armi li kien hemm fl-artikolu inkriminat, huma ċirkostanzi li jkomplu jiżnaturaw il-pubblikazzjoni, li għandha tkun dak, u biss dak li tordna s-sentenza, skond il-liġi. Id-difiża osservat li l-kwerelat għandu d-dritt li jerġa' jiftaħ il-kwistjoni tal-arma fit-tribunal ċivili. Dan ir-riljev, però, ma jista' qatt jiswa biex jissazzjona, bħala li tissodisfa l-vot tal-liġi u l-ordni tal-Qorti, pubblikazzjoni magħmula mhux minn min kellu jagħmilha, b'aġġunti li jiżnaturawha bħala mezz riparativ tal-inġurja subita.

Għal dawn ir-raġunijiet, u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi.

Tiddeċiedi billi tirrespinġi l-appell, u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-kwerelat appellant, tant tal-ewwel kemm tat-tieni istanza. Onorarji tad-difensuri uti intra.

*Omissis.*